KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SAUGMANDSGAARD ØE
ippreżentati fil-25 ta' Novembru 2020 [1]

Kawża C-361/19

De Ruiter vof
vs
Minister van Landbouw, Natuur en Voedselkwaliteit

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-College van Beroep voor het bedrijfsleven (il-Qorti tal-Appell għall-Kwistjonijiet Amministrattivi fil-Qasam Ekonomiku, il-Pajjiżi l-Baxxi))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika agrikola komuni – Pagamenti diretti – Regolament (UE) Nru 1306/2013 – Artikolu 97(1) – Artikolu 99(1) – Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 809/2014 – Artikolu 73(1)(a) – Tnaqqis u esklużjonijiet f'każ ta' nuqqas ta' osservanza tar-regoli ta' kundizzjonalità – Determinazzjoni tas-sena li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni sabiex jiġi kkalkolat il-perċentwali tat-tnaqqis – Imputazzjoni tat-tnaqqis – Sena li fiha jseħħ in-nuqqas ta' osservanza – Sena tal-konstatazzjoni tan-nuqqas ta' osservanza – Sentenza Teglgaard u Fløjstrupgård (C-239/17, EU:C:2018:597)"

I. Introduzzjoni

1. Din il-kawża tkompli mas-sentenza Teglgaard u Fløjstrupgård [2].

2. F'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet mitluba tistabbilixxi jekk, skont il-leġiżlazzjoni inkwistjoni f'dik il-kawża, it-tnaqqis tal-pagamenti diretti dovuti lill-bdiewa minħabba n-nuqqas ta' osservanza tar-regoli tal-kundizzjonalità [3] kellhomx jiġi kkalkolati abbażi tal-pagamenti mogħtija inkonnessjoni mas-sena kalendarja li fiha kien *seħħ* dan in-nuqqas ta' osservanza jew fuq dawk inkonnessjoni mas-sena li fiha l-imsemmi nuqqas ta' osservanza kien ġie *kkonstatat* [4]. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li kien meħtieġ li, bħala l-bażi għall-kalkolu, tintuża s-sena ta' meta *seħħ* in-nuqqas ta' osservanza [5].

3. Fil-mument meta ngħatat is-sentenza Teglgaard, ir-regoli inkwistjoni f'dik il-kawża kienu diġà ġew imħassra u ssostitwiti b'leġiżlazzjoni ġdida, li biddlet il-formulazzjoni tad-dispożizzjonijiet ikkonċernati. Din il-leġiżlazzjoni ġdida hija dik li għandha tiġi interpretata f'din il-kawża, fejn il-kwistjoni li tqum hija l-istess bħal dik li ġiet ittrattata fis-sentenza Teglgaard, iżda fil-kuntest tal-leġiżlazzjoni l-ġdida: il-bażi għall-kalkolu tat-tnaqqis tal-pagamenti diretti għandha tkun is-sena li

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 Sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, (C-239/17, iktar 'il quddiem is-"sentenza Teglgaard", EU:C:2018:597).

3 Għas-sistema ta' kundizzjonalità, ara l-punti 39 sa 41 ta' dawn il-konklużjonijiet.

4 Sentenza Teglgaard, punt 34.

5 Sentenza Teglgaard, punt 59.

fiha *seħħ* in-nuqqas ta' osservanza jew is-sena tal-*konstatazzjoni* tiegħu? Id-dispożizzjonijiet li għandhom jiġu interpretati huma l-Artikolu 97(1) u l-Artikolu 99(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013[6], kif ukoll l-ewwel subparagrafu u l-punt (a) tal-Artikolu 73(4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 809/2014[7].

4. F'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja hija għaldaqstant, essenzjalment, mitluba tistabbilixxi jekk il-leġiżlatur, permezz tal-leġiżlazzjoni l-ġdida, riedx ibiddel is-sena li fuqha għandu jiġi kkalkolat it-tnaqqis bħal dak previst mil-leġiżlazzjoni preċedenti.

5. Fi tmiem l-espożizzjoni tiegħi, ser nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għal din id-domanda, fis-sens li jeħtieġ li tintuża sistematikament is-sena li matulha *seħħ* in-nuqqas ta' osservanza bħala bażi għall-kalkolu.

6. It-talba għal deċiżjoni preliminari li permezz tagħha saret din id-domanda tressqet mill-College van Beroep voor het bedrijfsleven (il-Qorti tal-Appell għall-Kwistjonijiet Amministrattivi fil-Qasam Ekonomiku, il-Pajjiżi l-Baxxi) fil-kuntest ta' tilwima bejn bidwi u l-minister van Landbouw, Natuur en Voedselkwaliteit (il-Ministru tal-Agrikoltura, tan-Natura u tal-Kwalità tal-Ikel, iktar 'il quddiem il-"Ministru") fir-rigward ta' tnaqqis tal-ammont tal-pagamenti diretti dovuti lill-bidwi minħabba żewġ każijiet ta' nuqqas ta' osservanza tar-regoli ta' kundizzjonalità, impost mill-Ministru fuq il-bidwi.

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni applikabbli fil-kawża Teglgaard (il-kuntest ġuridiku antik)

7. Is-sistema ta' kundizzjonalità ġiet introdotta permezz tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003[8], kif ippreċiżat permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (KE) Nru 796/2004[9] (Taqsima 1). Sussegwentement, dawn ir-regolamenti ġew imħassra u ssostitwiti, rispettivament, mir-Regolament (KE) Nru 73/2009[10] u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (KE) Nru 1122/2009[11] (Taqsima 2). Huma dawn ir-regolamenti li kienu inkwistjoni fis-sentenza Teglgaard.

6 Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1200/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU 2013, L 347, p. 549).

7 Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 809/2014 tas-17 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, tal-miżuri tal-iżvilupp rurali u tal-kundizzjonalità (ĠU 2014, L 227, p. 69).

8 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 40, p. 269).

9 Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 796/2004 tal-21 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' konformità, modulazzjoni u amministrazzjoni integrata u sistema ta' kontroll kif hemm provvediment dwarhom fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixi regoli komuni għal skemi ta' sostenn dirett taħt il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' sostenn għall-bdiewa (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 44, p. 243).

10 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (ĠU 2009, L 30, p. 16).

11 Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1122/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 fir-rigward tal-kundizzjonalità, il-modulazzjoni u s-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, skont l-iskemi ta' appoġġ għall-bdiewa previsti għal dak ir-Regolament, kif ukoll għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-kundizzjonalità skont l-iskema ta' appoġġ prevista għas-settur tal-inbid (ĠU 2009, L 316, p. 65).

1. Ir-Regolament Nru 1782/2003 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 796/2004

8. Essenzjalment, l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 1782/2003, kien jipprovdi, fil-verżjoni bil-lingwa Franċiża tiegħu, li, f'każ ta' nuqqas ta' osservanza tar-regoli ta' kundizzjonalità, l-ammont totali tal-pagamenti diretti li għandhom jingħataw għas-"sena kalendarja li matulha ġie kkonstatat in-nuqqas ta' osservanza" għandu jitnaqqas [12]. Min-naħa l-oħra, kważi l-verżjonijiet lingwistiċi kollha l-oħra kienu jsemmu s-"sena li matulha seħħ in-nuqqas ta' osservanza" [13].

9. B'effett mis-sena 2008, ir-Regolament (KE) Nru 146/2008 [14] emenda l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 1782/2003 kif ġej:

"Meta l-kondizzjonijiet amministrattivi statutarji jew il-kondizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajbin ma jiġux osservati fi kwalunkwe ħin matul sena kalendarja partikolari, (minn issa 'l quddiem imsejħa 'is-sena kalendarja kkonċernata'), u n-nuqqas ta' konformità in kwistjoni ikun ir-riżultat ta' att jew ommissjoni attribwita direttament lill-bidwi li jkun li jkun ippreżenta applikazzjoni għall-għajnuna tul is-sena kalendarja kkonċernata, l-ammont totali tal-pagamenti diretti li għandu jingħata lil dak il-bidwi, […] għandu jitnaqqas jew ikun ikkanċellat […]"

10. L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 66(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 796/2004 kien jipprovdi:

"1. […] fejn nuqqas stabbilit ta' konformità jirriżulta minn negliġenza tal-bidwi, għandu jiġi applikat tnaqqis fuq l-ammont kollu ta' ħlasijiet diretti, […] li jkun, jew għandu, jingħata lill-bidwi konċernat wara li jkun bagħat jew ikun ser jibgħat applikazzjonijiet għall-għajnuna fil-kors tas-sena kalendarja tas-sejba. […]"

2. Ir-Regolament Nru 73/2009 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 1122/2009

11. B'effett mid-19 ta' Jannar 2009, l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 1782/2003, kif emendat permezz tar-Regolament Nru 146/2008, ġie ssostitwit bl-Artikolu 23(1) tar-Regolament Nru 73/2009, u b'effett mit-30 ta' Novembru 2009, l-Artikolu 66(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 796/2004 ġie ssostitwit bl-Artikolu 70(8)(a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 1122/2009.

12. L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 23(1) tar-Regolament Nru 73/2009 kien jipprovdi:

"1. Fejn fi kwalunkwe żmien f'sena kalendarja partikolari (minn hawn 'il quddiem imsejħa 'is-sena kalendarja konċernata') ma ssirx konformità mal-kundizzjonjiet amministrattivi statutorji u l-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba, u n-nuqqas ta' konformità msemmi jkun ir-riżultat ta' att jew ta' nuqqas direttament marbut mal-bidwi li kien ippreżenta l-applikazzjoni għall-għajnuna fis-sena kalendarja konċernata, l-ammont totali ta' pagamenti diretti li ngħata jew għandu jingħata lil dak il-bidwi […]".

12 Skont il-formulazzjoni tal-verżjoni bil-lingwa Franċiża ta' din id-dispożizzjoni: "[l]orsque les exigences réglementaires en matière de gestion ou les bonnes conditions agricoles et environnementales ne sont pas respectées en raison d'un acte ou d'une omission directement imputable à l'agriculteur concerné, le montant total des paiements directs à octroyer au titre de l'année civile au cours de laquelle le non-respect est constaté, est réduit […]".

13 Ara s-sentenza Teglgaard, punt 36.

14 Regolament tal-Kunsill tal-14 ta' Frar 2008 li jemenda r-Regolament Nru 1782/2003 (ĠU 2008, L 46, p. 1) (il-punt 1(a) tal-Artikolu 1).

13. L-Artikolu 70(8)(a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 1122/2009 kien jipprovdi:

"8. Għall-applikazzjoni tat-tnaqqisiet, il-perċentwal tat-tnaqqis għandu jiġi applikat mal-ammont totali ta':

(a) l-ammont kumplessiv tal-pagamenti diretti li ngħata, jew li għandu jingħata, lill-bidwi konċernat b'segwitu tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna li hu ppreżenta jew li se jippreżenta matul is-sena kalendarja tas-sejba […]".

B. Id-dritt tal-Unjoni applikabbli għall-kawża prinċipali

14. B'effett mis-17 ta' Diċembru 2013, id-dispożizzjonijiet fil-qasam tal-osservanza tar-regoli ta' kundizzjonalità previsti mir-Regolament Nru 73/2009 ġew issostitwiti b'dawk previsti mir-Regolament Nru 1306/2013[15] (Taqsima 1) u mir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 809/2014 (Taqsima 2). Huma dawn ir-regolamenti, li jifformaw parti mir-riforma tal-Politika Agrikola Komuni (PAK), li jeħtieġ li jiġu interpretati f'din il-kawża.

1. Ir-Regolament Nru 1306/2013

15. Il-premessa 53 tar-Regolament Nru 1306/2013 hija fformulata kif ġej:

"Ir-Regolament [Nru 1782/2003], li kien issostitwit mir-Regolament Nru 1782/2003], stabbilixxa l-prinċipju li l-pagament sħiħ lil benefiċjarji ta' xi għajnuniet skont il-PAK għandu jkollu rabta mal-konformità ma' regoli relatati mal-ġestjoni ta' artijiet, il-produzzjoni agrikola u l-attività agrikola. […]"

16. Il-premessa 57 ta' dan ir-regolament tipprovdi:

"Is-sistema ta' kondizzjonalità timplika ċerti limitazzjonijiet amministrattivi kemm għal benefiċjarji kif ukoll għal amministrazzjonijiet nazzjonali minħabba li għandha tiġi żgurata ż-żamma ta' rekords, għandhom isiru kontrolli u għandhom jiġu applikati pieni fejn ikun meħtieġ. Dawk il-pieni għandhom ikunu proporzjonati, effettivi u disswassivi. Tali pieni għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal pieni oħra stabbiliti skont il-liġi nazzjonali jew tal-Unjoni. Għal raġunijiet ta' konsistenza, ikun adatt li d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni jkunu kkonsolidati fi strument legali wieħed. […]"

17. L-Artikolu 91(1) tal-imsemmi regolament jipprovdi:

"1. Meta benefiċjarju msemmi fl-Artikolu 92 ma jkunx konformi mar-regoli dwar il-kondizzjonalità kif stabbilit fl-Artikolu 93, għandha tiġi imposta piena amministrattiva fuq dak il-benefiċjarju".

15 Nippreċiża li, filwaqt li d-dispożizzjonijiet fil-qasam tal-osservanza tar-regoli ta' kundizzjonalità previsti mir-Regolament Nru 73/2009 ġew issostitwiti b'dawk previsti fir-Regolament Nru 1306/2013, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 73/2009 ġew formalment imħassra bir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU 2013, L 347, p. 608).

18. L-Artikolu 97 ta' dan l-istess regolament, intitolat "Applikazzjoni tal-piena amministrattiva", jipprovdi fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 tiegħu:

"1. Il-piena amministrattiva prevista fl-Artikolu 91 għandha tiġi imposta fejn ir-regoli dwar il-kondizzjonalità ma jiġux irrispettati fi kwalunkwe żmien f'sena kalendarja partikolari ('is-sena kalendarja kkonċernata'), u fejn in-nuqqas ta' konformità inkwistjoni jkun jista' jiġi attribwit direttament lill-benefiċjarju li jkun issottometta l-applikazzjoni għall-għajnuna jew it-talba għal pagament fis-sena kalendarja kkonċernata".

19. L-Artikolu 99 tar-Regolament Nru 1306/2013, intitolat "Kalkolu tal-piena amministrattiva", jipprovdi fil-paragrafu 1 tiegħu:

"1. Il-piena amministrattiva prevista fl-Artikolu 91 għandha tkun applikata permezz ta' tnaqqis jew esklużjoni tal-ammont totali tal-pagamenti elenkati fl-Artikolu 92 mogħti jew li jkollu jingħata lill-benefiċjarju kkonċernat fir-rigward tal-applikazzjonijiet ta' għajnuna li jkun ppreżenta jew li ser jippreżenta matul is-sena kalendarja tas-sejba.

Għall-kalkolu ta' dak it-tnaqqis u l-esklużjonijiet, għandhom jiġu kkunsidrati s-severità, id-daqs, il-permanenza u r-riokkorrenza tan-nuqqas ta' konformità li jkun instab, kif ukoll tal-kriterji stabbiliti fil-paragrafi 2, 3 u 4."

2. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 809/2014

20. Il-Kapitolu III tat-Titolu V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 809/2014 huwa intitolat "Kalkolu u applikazzjoni tal-pieni amministrattivi". L-Artikolu 73 li jaqa' taħt dan il-kapitolu, intitolat "Prinċipji ġenerali", jipprovdi fil-paragrafu 4(a) tiegħu:

"4. Il-piena amministrattiva għandha tiġi applikata għall-ammont kollu tal-pagamenti msemmija fl-Artikolu 92 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 li ngħataw jew li se jingħataw lil dak il-benefiċjarju:

(a) b'segwitu għall-applikazzjonijiet għall-għajnuna jew għat-talbiet għall-ħlas li jkun ressaq fis-sena li fiha saret is-sejba jew li jkun se jressaq fiha; […]"

III. Il-kawża prinċipali, id-domanda preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

21. Ir-rikorrent fil-kawża prinċipali huwa bidwi. Fl-2016, wara spezzjoni fir-razzett tar-rikorrent, in-Nederlandse Voedsel- en Warenautoriteit (l-Awtorità Olandiża għall-Kontroll tal-Prodotti tal-Ikel u tal-Prodotti tal-Konsum, iktar 'il quddiem in-"NVWA") ikkonstatat żewġ każijiet ta' nuqqas ta' osservanza tar-regoli ta' kundizzjonalità: każ li jirrigwarda l-qasam tas-saħħa, li seħħ fl-2015, u każ li jirrigwarda l-qasam tal-benesseri tal-annimali, li seħħ fl-2016.

22. Fis-16 ta' Frar 2017, wara skambju ta' korrispondenza mar-rikorrent, in-NVWA tat deċiżjoni li imponiet tnaqqis lir-rikorrent ta' 5 % fuq il-pagamenti diretti li kellhom jingħatawlu għas-sena 2016, minħabba n-nuqqas ta' osservanza tar-regoli ta' kundizzjonalità.

23. Ir-rikorrent ippreżenta rikors kontra din id-deċiżjoni, li l-ministru ċaħdu bħala infondat permezz ta' deċiżjoni tat-30 ta' Ġunju 2017. Ir-rikorrent imbagħad ippreżenta appell kontra l-imsemmija deċiżjoni quddiem il-qorti tar-rinviju.

24. Il-qorti tar-rinviju ssostni li l-Ministru huwa ġġustifikat jimponi tnaqqis fuq ir-rikorrent.

25. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tosserva, l-ewwel nett, li l-ewwel każ ta' nuqqas ta' osservanza seħħ fl-2015, filwaqt li l-ieħor seħħ fl-2016. Il-konstatazzjoni tal-każijiet ta' nuqqas ta' osservanza seħħet fl-2016. Għall-ewwel każ ta' nuqqas ta' osservanza, is-*sena li fiha seħħ* in-nuqqas ta' osservanza ma tikkorrispondix, għaldaqstant, għas-*sena tal-konstatazzjoni* tiegħu.

26. Il-qorti tar-rinviju tikkonstata għaldaqstant li, għal kull wieħed miż-żewġ każijiet ta' nuqqas ta' osservanza, in-NVWA imponiet tnaqqis ta' 3 % mill-ammont tal-għajnuna skont l-Artikolu 39(1) tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 640/2014 [16]. Peress li ż-żewġ każijiet ta' nuqqas ta' osservanza ġew ikkonstatati fl-istess sena, jiġifieri fl-2016, u jaqgħu f'oqsma differenti tal-kundizzjonalità, in-NVWA żiedet it-tnaqqis u stabbilixxiethom flimkien għall-massimu ta' 5 %, skont l-Artikolu 74 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 809/2014. In-NVWA kkalkolat għaldaqstant, it-tnaqqis tal-pagamenti diretti billi bbażat ruħha fuq is-sena li matulha ġew *ikkonstatati* l-każijiet ta' nuqqas ta' osservanza (fl-2016), u mhux fuq is-snin li matulhom iż-żewġ każijiet ta' nuqqas ta' osservanza *seħħew* (fl-2015 u fl-2016, rispettivament).

27. Il-qorti tar-rinviju tikkunsidra li dan il-metodu ta' kalkolu tat-tnaqqis huwa konformi mal-Artikolu 99(1) tar-Regolament Nru 1306/2013, u mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 73(4) u mal-Artikolu 73(4)(a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 809/2014. Fil-fatt, hija ssostni li jirriżulta ċar minn dawn id-dispożizzjonijiet li t-tnaqqis tal-pagamenti diretti minħabba n-nuqqas ta' osservanza tar-regoli ta' kundizzjonalità għandu jiġi kkalkolat abbażi tal-pagamenti diretti mogħtija fuq il-bażi tas-*sena tal-konstatazzjoni* tan-nuqqas ta' osservanza.

28. Madankollu, il-qorti tar-rinviju għandha dubji dwar il-kompatibbiltà tal-imsemmija dispożizzjonijiet ma' ċerti prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni inkwantu, meta s-sena li fiha jseħħ in-nuqqas ta' osservanza u s-sena tal-konstatazzjoni tal-imsemmi nuqqas ta' osservanza tar-regoli ta' kundizzjonalità ma jkunux jaqblu, it-tnaqqis jiġi kkalkolat abbażi tas-*sena tal-konstatazzjoni*. B'mod iktar partikolari, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar il-punt dwar jekk, fid-dawl tal-motivi tas-sentenza Teglgaard, l-imsemmija dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni għandhomx jitqiesu bħala li jmorru kontra l-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament, ta' proporzjonalità u ta' ċertezza legali.

29. Huwa f'dan il-kuntest li l-qorti tar-rinviju, permezz ta' deċiżjoni tat-23 ta' April 2019, li waslet fir-reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-3 ta' Mejju 2019, iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikolu 99(1) tar-Regolament [Nru 1306/2013] u l-Artikolu 73(4)(a) tar-Regolament [ta' Implimentazzjoni Nru 809/2014] huma validi, u dan sa fejn is-sena ta' konstatazzjoni hija deċiżiva għad-determinazzjoni tas-sena li għaliha t-tnaqqis tan-nuqqas ta' osservanza tal-kundizzjonalità huwa kkalkolat meta s-sena li fiha jkun seħħ in-nuqqas ta' osservanza tal-kundizzjonalità ma tkunx l-istess bħas-sena ta' konstatazzjoni?"

30. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati mill-Gvern Olandiż, Daniż u dak Ġermaniż, mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u mill-Kummissjoni Ewropea. Barra minn hekk, dawn il-partijiet interessati, kif ukoll il-Gvern Svediż, irrispondew għad-domandi bil-miktub tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-27 ta' April 2020.

16 Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll u l-kundizzjonijiet għar-rifjut jew l-irtirar ta' pagamenti u penali amministrattivi applikabbli għall-pagamenti diretti, l-appoġġ għall-iżvilupp rurali u l-kundizzjonalità (ĠU 2014, L 181, p. 48).

IV. Analiżi

A. Osservazzjonijiet preliminari fuq id-domanda preliminari

31. Permezz tad-domanda preliminari tagħha, kif hija fformulata, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-validità tal-Artikolu 99(1) tar-Regolament Nru 1306/2013 u tal-ewwel subparagrafu u l-punt (a) tal-Artikolu 73(4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 809/2014, u mhux dwar l-*interpretazzjoni* ta' dawn id-dispożizzjonijiet. Hija ssostni fil-fatt li jirriżulta ċar minn dawn id-dispożizzjonijiet li t-tnaqqis tal-pagamenti għandu jkun ikkalkolat abbażi tal-pagamenti mogħtija fis-*sena tal-konstatazzjoni* tan-nuqqas ta' osservanza tar-regoli ta' kundizzjonalità [17].

32. Issa, jiena ma naqbilx mal-premessa dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 99(1) tar-Regolament Nru 1306/2013 u tal-ewwel subparagrafu u l-punt (a) tal-Artikolu 73(4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 809/2014, li fuqha hija bbażata d-domanda preliminari.

33. Fil-fehma tiegħi, dawn id-dispożizzjonijiet ma jippermettux li jiġi stabbilit b'mod ċar, *prima facie*, jekk din il-leġiżlazzjoni tiħux is-*sena li fiha jkun seħħ* in-nuqqas ta' osservanza jew is-*sena tal-konstatazzjoni* bħala l-bażi għall-kalkolu tat-tnaqqis. Għaldaqstant, jeħtieġ, qabelxejn, li tingħata risposta għal din id-domanda fil-kuntest ta' din il-kawża.

34. Għal dan il-għan, jeħtieġ li jiġu interpretati mhux biss id-dispożizzjonijiet imsemmija fid-domanda preliminari, imma fuq kollox, l-Artikolu 97(1) tar-Regolament Nru 1306/2013. Fil-fatt, jeħtieġ li wieħed jistaqsi dwar il-punt jekk il-kalkolu tat-tnaqqis huwiex irregolat mill-Artikolu 97(1) tar-Regolament Nru 1306/2013 iktar milli mill-Artikolu 99(1) ta' dan ir-regolament u mill-ewwel subparagrafu u l-punt (a) tal-Artikolu 73(4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 809/2014.

35. B'din il-preċiżazzjoni, jidhirli fil-fatt, kif ser nispjega iktar 'il quddiem, li d-dispożizzjonijiet ikkonċernati jirrigwardaw is-*sena li fiha jkun seħħ* in-nuqqas ta' osservanza bħala bażi għall-kalkolu tat-tnaqqis, ħaġa li timplika li l-kwistjoni tal-validità tad-dispożizzjonijiet imqajma mill-qorti tar-rinviju ma tqumx.

36. Għaldaqstant, l-unika domanda li jeħtieġ li tingħata risposta f'din il-kawża hija għaldaqstant dik li tirrigwarda l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet ikkonċernati sabiex jiġi stabbilit liema sena għandha tintgħażel bħala bażi sabiex jiġi kkalkolat it-tnaqqis tal-pagamenti diretti.

37. Fid-dawl tal-premess, sabiex tingħata risposta utli lill-qorti tar-rinviju, jeħtieġ li d-domanda preliminari terġa' tiġi fformulata bil-mod kif ġej [18]: l-Artikolu 97(1) u l-Artikolu 99(1) tar-Regolament Nru 1306/2013 kif ukoll l-ewwel subparagrafu u l-punt (a) tal-Artikolu 73(4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 809/2014, għandhom jiġu interpretati fis-sens li t-tnaqqis tal-pagamenti diretti minħabba n-nuqqas ta' osservanza tar-regoli ta' kundizzjonalità għandu jiġi kkalkolat abbażi tal-pagamenti mogħtija għas-sena kalendarja li fiha jkun *seħħ* dan in-nuqqas ta' osservanza jew abbażi tal-pagamenti mogħtija għas-sena li fiha jkun ġie *kkonstatat* l-imsemmi nuqqas ta' osservanza?

38. Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, jidhirli li huwa utli, l-ewwel nett, li jsiru xi tfakkiriet dwar is-sistema ta' tnaqqis f'każ ta' nuqqas ta' osservanza tar-regoli ta' kundizzjonalità (Parti B). Imbagħad, ser infakkar it-tagħlim tas-sentenza Teglgaard (Parti Ċ) qabel ma nipproċedi bl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet applikabbli fil-kawża prinċipali (Parti D).

17 Ara l-punt 27 ta' dawn il-konklużjonijiet.

18 Infakkar li, fil-kuntest tal-proċedura ta' kooperazzjoni bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja stabbilita mill-Artikolu 267 TFUE, hija din tal-aħħar li għandha l-obbligu tagħti lill-qorti tar-rinviju risposta utli li tippermettilha taqta' l-kawża li jkollha quddiemha. Minn din il-perspettiva, huwa l-obbligu tal-Qorti tal-Ġustizzja li tirriformula d-domandi li jsirulha jew li teżamina jekk domanda dwar il-validità ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni hijiex ibbażata fuq interpretazzjoni korretta tat-test inkwistjoni. Ara s-sentenza tas-17 ta' Lulju 1997, Krüger (C-334/95, EU:C:1997:378, punti 22 u 23).

B. Fuq is-sistema ta' tnaqqis f'każ ta' nuqqas ta' osservanza tar-regoli ta' kundizzjonalità

39. Fil-qasam tal-PAK, sabiex ikunu eliġibbli għall-pagamenti diretti, il-bdiewa għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-eliġibbiltà. Sakemm ikunu qegħdin jirċievu din l-għajnuna, huma jkunu suġġetti wkoll għar-regoli ta' kundizzjonalità [19] li n-nuqqas ta' osservanza tagħhom ikun issanzjonat permezz ta' tnaqqis, f'perċentwali, mill-ammont totali tal-għajnuna.

40. It-tnaqqis tal-pagamenti diretti minħabba n-nuqqas ta' osservanza tar-regoli ta' kundizzjonalità jsir f'żewġ fażijiet: il-*kalkolu* tat-tnaqqis u, sussegwentement, l-*imputazzjoni* tat-tnaqqis.

41. Sabiex jiġi kkalkolat it-tnaqqis, l-għażla bejn is-*sena li fiha jkun seħħ* in-nuqqas ta' osservanza u s-*sena tal-konstatazzjoni* tiegħu, bħala bażi għall-kalkolu, jista' jkollha impatt kbir fuq il-portata tat-tnaqqis. Fil-fatt, iċ-ċirkustanzi materjali, bħalma huwa n-numru ta' ettari maħduma, li għalihom jingħataw il-pagamenti diretti, jistgħu jvarjaw sostanzjalment minn sena għall-oħra. Minħabba f'hekk, meta n-nuqqas ta' osservanza tar-regoli ta' kundizzjonalità ma jiġix ikkonstatat fl-istess sena li fiha jkun seħħ, billi tintuża s-*sena tal-konstatazzjoni* bħala l-bażi għall-kalkolu, l-ammont tal-pagamenti li għalih japplika t-tnaqqis jista' jkun ikbar minn dak tas-sena li fiha jkun seħħ in-nuqqas ta' osservanza f'każ ta' żieda fin-numru ta' ettari jew, għall-kuntrarju, inqas f'każ ta' tnaqqis fin-numru ta' ettari [20].

42. Hija din is-sitwazzjoni, fejn l-ammont tal-pagamenti diretti huwa differenti fis-sena li fiha seħħ in-nuqqas ta' osservanza mis-sena tal-konstatazzjoni, li kienet il-mertu tas-sentenza Teglgaard [21].

C. It-tagħlim tas-sentenza Teglgaard

43. Għal din il-kawża, is-sentenza Teglgaard hija rilevanti minn żewġ aspetti b'mod partikolari.

44. *Fl-ewwel lok*, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet ikkonfrontata bi kwistjoni ta' interpetazzjoni simili għal dik ta' din il-kawża, jiġifieri l-għażla bejn l-użu tas-*sena li fiha seħħ* in-nuqqas ta' osservanza u s-*sena tal-konstatazzjoni* bħala l-bażi għall-kalkolu tat-tnaqqis tal-pagamenti diretti.

45. B'mod iktar partikolari, hija kienet tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 1782/2003. Il-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni ma kinitx ċara minħabba d-diverġenzi bejn id-diversi verżjonijiet lingwistiċi tagħha. Essenzjalment, il-verżjoni bil-lingwa Franċiża ta' din id-dispożizzjoni kienet tipprovdi li s-sena rilevanti għat-tnaqqis tal-pagamenti kienet is-*sena tal-konstatazzjoni* tan-nuqqas ta' osservanza. Min-naħa l-oħra, kważi l-verżjonijiet lingwistiċi kollha l-oħra ta' din id-dispożizzjoni kienu jipprovdu li s-sena rilevanti għal dan it-tnaqqis kienet is-*sena li fiha jseħħ* in-nuqqas ta' osservanza [22].

46. Quddiem dawn iż-żewġ possibbiltajiet ta' interpretazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja għażlet *is-sena li fiha seħħ in-nuqqas ta' osservanza*. Sabiex tagħmel dan, hija bbażat ruħha b'mod partikolari fuq, min-naħa, l-għan tar-regoli ta' kundizzjonalità, u min-naħa l-oħra, il-prinċipji ta' proporzjonalità, ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' ċertezza legali.

19 Ir-regoli ta' kundizzjonalità jorbtu l-pagament sħiħ tal-għajnuna diretta mal-osservanza tar-regoli fil-qasam tal-art agrikola, tal-produzzjoni u tal-biedja, li huma intiżi li jintegraw regoli bażiċi fil-qasam tal-ambjent, tas-sikurezza tal-ikel, tas-saħħa u tal-benesseri tal-annimali, u ta' kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba fl-organizzazzjonijiet komuni tas-swieq. F'każ ta' nuqqas ta' osservanza ta' dawn ir-regoli, l-Istati Membri għandhom jissospendu din l-għajnuna b'mod sħiħ jew parzjali. Ir-regoli ta' kundizzjonalità jobbligaw għaldaqstant għall-bdiewa li josservaw, matul kull sena ta' attività, ir-rekwiżiti regolatorji fil-qasam tal-ġestjoni u l-kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba, li jifformaw ir-regoli tal-kundizzjonalità (ara s-sentenza Teglgaard, punti 40 sa 42).

20 Ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza Teglgaard, punti 48 u 53. Għal eżempju konkret, ara l-punti 72 sa 76 ta' dawn il-konklużjonijiet. Min-naħa l-oħra, meta s-sena li fiha jseħħ il-ksur hija l-istess bħas-sena tal-konstatazzjoni tiegħu, l-għażla bejn is-sena li fiha seħħ in-nuqqas ta' osservanza u s-sena tal-konstatazzjoni ma tkunx meħtieġa.

21 F'din il-kawża, id-deċiżjoni tar-rinviju ma tippreċiżax jekk iċ-ċirkustanzi materjali li jikkaratterizzaw is-sitwazzjoni tal-bidwi kkonċernat nbidlux bejn is-sena li fiha seħħ in-nuqqas ta' osservanza (2015) u dik tal-konstatazzjoni tiegħu (2016) fir-rigward tal-każ ta' nuqqas ta' osservanza tar-regoli ta' kundizzjonalità fil-qasam tas-saħħa.

22 Sentenza Teglgaard, punt 36.

47. Għaldaqstant, hija kkunsidrat l-ewwel nett li, huwa biss l-użu, bħala bażi għall-kalkolu, tas-sena li fiha jseħħ in-nuqqas ta' osservanza li kien kapaċi li jiżgura t-twettiq tal-għan tar-regoli ta' kundizzjonalità fil-każijiet kollha.

48. F'dan ir-rigward, hija indikat li l-għan tar-Regolament Nru 1782/2003 fil-qasam tal-osservanza tar-regoli ta' kundizzjonalità kien li *jorbot* il-pagament tal-għajnuna diretta mal-osservanza tar-regoli dwar l-amministrazzjoni u l-kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajbin, li jifformaw ir-regoli ta' kundizzjonalità. F'każ ta' nuqqas ta' osservanza ta' dawn ir-rekwiżiti, l-Istati Membri kellhom jimponu tnaqqis fuq l-ammont tal-pagamenti diretti. Issa, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-osservanza ta' dawn ir-rekwiżiti tikseb is-sens kollu tagħha biss jekk is-sanzjoni għall-ksur tagħhom twassal għal tnaqqis tal-pagamenti diretti li għandhom jingħataw fis-sena kalendarja li fiha seħħ dan il-ksur. Fil-fatt, kienet biss tali korrispondenza li setgħet tiżgura ż-żamma ta' *rabta* bejn l-imġieba tal-bidwi li jagħti lok għas-sanzjoni u s-sanzjoni nnifisha, peress li ċ-ċirkustanzi materjali li minħabba fihom jingħataw il-pagamenti diretti setgħu jvarjaw minn sena għall-oħra [23].

49. Sussegwentement, hija ddeċidiet li huwa biss l-użu, bħala bażi għall-kalkolu, tas-sena li fiha jseħħ in-nuqqas ta' osservanza li kien kapaċi, fi kwalunkwe każ, li jiżgura l-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità. Fil-fatt, it-teħid inkunsiderazzjoni tas-sena tal-konstatazzjoni tan-nuqqas ta' osservanza tar-regoli ta' kundizzjonalità sabiex jiġi kkalkolat it-tnaqqis tal-pagamenti diretti ma jistax jiżgura r-rabta bejn l-aġir tal-bidwi li wassal għal tali tnaqqis u dan it-tnaqqis. Għall-kuntrarju, l-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità baqgħet dejjem żgurata meta t-tnaqqis tal-pagamenti diretti kien ikkalkolat fuq l-ammont tal-pagamenti diretti mogħtija jew li kellhom jingħataw għas-sena kalendarja li fiha seħħ in-nuqqas ta' osservanza tar-regoli tal-kundizzjonalità, peress li tali rabta hija ppreservata [24].

50. Fl-aħħar nett, l-użu tas-sena li fiha jseħħ in-nuqqas ta' osservanza kien tali li jiggarantixxi l-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' ċertezza legali. Fil-fatt, l-għażla ta' din is-sena bħala bażi għall-kalkolu kienet tippermetti l-eliminazzjoni tar-riskju li l-ammont tal-pagamenti li għalih japplika t-tnaqqis ikun ogħla jew inqas minn dak tas-sena ta' konstatazzjoni tan-nuqqas ta' osservanza tar-regoli ta' kundizzjonalità, ħaġa li kienet tali li tiggarantixxi l-ugwaljanza fit-trattament bejn il-bdiewa u, min-naħa l-oħra, trendi prevedibbli għall-bidwi kkonċernat il-konsegwenzi finanzjarji li huwa jkollu jaffaċċja minħabba n-nuqqas ta' osservanza tar-regoli ta' kundizzjonalità [25].

51. *Fit-tieni lok*, fis-sentenza Teglgaard, il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat id-dispożizzjonijiet kollha li jirrigwardaw il-kalkolu tat-tnaqqis li ppreċedew il-leġiżlazzjoni inkwistjoni f'din il-kawża. Għalkemm il-formulazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet preċedenti nbidlet maż-żmien [26], il-Qorti tal-Ġustizzja tathom interpretazzjoni identika. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet distinzjoni ċara bejn il-*kalkolu* u l-*imputazzjoni* tat-tnaqqis. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, jeħtieġ li d-dispożizzjonijiet preċedenti jiġu interpretati fis-sens li t-tnaqqis jeħtieġ li jiġi *kkalkolat* abbażi tal-pagamenti mogħtija jew li għandhom jingħataw għas-sena li fiha jkun *seħħ* dan in-nuqqas ta' osservanza, mentri t-tnaqqis tal-pagamenti diretti hekk ikkalkolati għandhom ikunu *imputati* fuq il-pagamenti mogħtija jew li għandhom jingħataw għas-sena kalendarja li fiha jkun ġie *kkonstatat* in-nuqqas ta' osservanza tar-regoli ta' kundizzjonalità [27].

23 Sentenza Teglgaard, punti 40 sa 43.

24 Sentenza Teglgaard, punti 40 sa 43 u 49 sa 51.

25 Sentenza Teglgaard, punti 48, 52 u 53.

26 Dawn huma, min-naħa, l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 1782/2003, l-Artikolu 6(1) ta' dan ir-regolament, kif emendat permezz tar-regolament Nru 146/2008, kif ukoll l-Artikolu 66(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 796/2004 u, min-naħa l-oħra, l-Artikolu 23(1) tar-Regolament Nru 73/2009 u l-Artikolu 70(4) u (8)(a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 1122/2009. Dawn id-dispożizzjonijiet huma ċċitati fit-Taqsima II.A ta' dawn il-konklużjonijiet.

27 Ara s-sentenza Teglgaard, punti 34 sa 59.

52. Kif indikajt fl-introduzzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet, id-domanda li tqum fil-kuntest ta' din il-kawża hija dwar jekk din l-interpretazzjoni tapplikax ukoll għal-leġiżlazzjoni ġdida, jew jekk il-leġiżlatur riedx ibiddel is-sena li fuqha għandu jiġi kkalkolat it-tnaqqis.

53. Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, jidhirli l-ewwel nett li jkun utli li nibda bl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet previsti fir-regolament bażiku, jiġifieri l-Artikolu 97(1) u l-Artikolu 99(1) tar-Regolament Nru 1306/2013 (Parti D), qabel ma nipproċedi għall-interpretazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 809/2014 Parti E). Fil-fatt, bħala regolament ta' implimentazzjoni adottat bis-saħħa ta' awtorizzazzjoni li tinsab fir-Regolament Nru 1306/2013, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 809/2014 għandu jiġi interpretat skont ir-Regolament Nru 1306/2013 u ma jistax jidderoga mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament, li minnu huwa dderivat [28].

D. Fuq l-interpretazzjoni tar-Regolament Nru 1306/2013

54. Għall-interpretazzjoni tar-Regolament Nru 1306/2013, l-Artikolu 23(1) tar-Regolament Nru 73/2009 huwa ta' interess partikolari, peress li hija din id-dispożizzjoni tar-regolament bażiku li jippreċedi r-Regolament Nru 1306/2013 li l-Qorti tal-Ġustizzja interpretat bħala li tirreferi għas-*sena li fiha jseħħ* in-nuqqas ta' osservanza bħala l-bażi għall-kalkolu tat-tnaqqis [29]. Id-domanda li tqum hija għaldaqstant dik dwar liema dispożizzjoni tar-Regolament Nru 1306/2013 issostitwixxiet l-Artikolu 23(1) tar-Regolament Nru 73/2009.

55. F'dan ir-rigward, nikkonstata, l-ewwel nett, li r-Regolament Nru 1306/2013 ma fih ebda dispożizzjoni identika għal dik tal-Artikolu 23(1) tar-Regolament Nru 73/2009, imma żewġ dispożizzjonijiet, jiġifieri l-Artikolu 97(1) u l-Artikolu 99(1) li, mad-daqqa ta' għajn, għandhom it-tnejn li huma formulazzjoni simili għal dik tal-Artikolu 23(1) tar-Regolament Nru 73/2009 [30].

56. Imbagħad, ninnota li dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet jagħmlu t-tnejn li huma riferiment għal sena partikolari imma differenti: l-Artikolu 99(1) tar-Regolament Nru 1306/2013 jirreferi għas-*sena tal-konstatazzjoni*, filwaqt li l-Artikolu 97(1) tal-istess regolament jirreferi għas-sena kalendarja li matulha l-benefiċjarju għandu josserva r-regoli ta' kundizzjonalità, ħaġa li tikkorrispondi għas-*sena li fiha jseħħ* in-nuqqas ta' osservanza [31]. Id-domanda li tqum hija għaldaqstant dwar *liema* minn dawn id-dispożizzjonijiet tirrigwarda l-kalkolu tat-tnaqqis u, b'mod iktar ġenerali, jekk il-leġiżlatur riedx għall-fini ta' bażi għall-kalkolu, ibiddel l-użu tas-*sena li fiha jseħħ* in-nuqqas ta' osservanza kif jipprevedu l-leġiżlazzjonijiet preċedenti.

57. Il-partijiet interessati fformaw essenzjalment żewġ opinjonijiet differenti fuq dan il-punt.

58. Min-naħa, il-Gvern Ġermaniż u dak Olandiż kif ukoll il-Kummissjoni jsostnu li l-leġiżlatur ried, permezz tal-leġiżlazzjoni l-ġdida, ibiddel is-sena li abbażi tagħha jeħtieġ li jiġi kkalkolat it-tnaqqis. Huma jikkunsidraw li l-Artikolu 23(1) preċedenti tar-Regolament Nru 73/2009, dwar il-kalkolu, ġie ssostitwit bl-Artikolu 99(1) tar-Regolament Nru 1306/2013. Peress li din l-aħħar dispożizzjoni tirreferi għas-*sena tal-konstatazzjoni*, jeħtieġ għaldaqstant li t-tnaqqis jiġi kkalkolat abbażi ta' din is-sena.

28 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Teglgaard, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata.

29 Ara s-sentenza Teglgaard, punti 55 u 56.

30 Filwaqt li l-ewwel parti tal-formulazzjoni tal-Artikolu 23(1) tar-Regolament Nru 73/2009 hija viċin dik tal-Artikolu 97(1) tar-Regolament Nru 1306/2013, it-tieni parti ta' din l-ewwel dispożizzjoni hija viċin dik tal-Artikolu 99(1) tar-Regolament Nru 1306/2013.

31 Ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza Teglgaard, punt 55, dwar l-espressjoni "sena kalendarja". Sa fejn naf jien, id-dispożizzjonijiet huma identiċi fid-diversi verżjonijiet lingwistiċi fuq dan il-punt u huma għaldaqstant ċari f'dan ir-rigward.

59. Min-naħa l-oħra, il-Gvern Daniż, il-Parlament u l-Kunsill huma tal-fehma li l-leġiżlazzjoni l-ġdida hija essenzjalment identika għal-leġiżlazzjonijiet preċedenti, u li l-leġiżlatur ma riedx ibiddel is-sena rilevanti għall-kalkolu tat-tnaqqis. Huma jikkunsidraw essenzjalment li l-Artikolu 99(1) tar-Regolament Nru 1306/2013 jirregola mhux il-*kalkolu* tat-tnaqqis, imma l-*imputazzjoni* tiegħu. Jirriżulta għaldaqstant minn din id-dispożizzjoni, li tirreferi għas-*sena tal-konstatazzjoni*, li t-tnaqqis għandu jkun *imputat* fuq il-pagamenti mogħtija waqt dik is-sena. Min-naħa l-oħra, għal dak li jirrigwarda l-*kalkolu* tat-tnaqqis, il-Gvern Daniż isostni li huwa l-Artikolu 97(1) tar-Regolament Nru 1306/2013 li ssostitwixxa l-Artikolu 23(1) preċedenti tar-Regolament Nru 73/2009, u li, għaldaqstant, jeħtieġ li t-tnaqqis jiġi kkalkolat abbażi tas-*sena li fiha jseħħ* in-nuqqas ta' osservanza, kif tipprevedi din l-ewwel dispożizzjoni [32].

60. Jien naqbel ma' din l-aħħar interpretazzjoni partikolarment minħabba r-raġunijiet segwenti. Fl-ewwel lok, jirriżulta minn tabella ta' korrelazzjoni li huwa fil-fatt l-Artikolu 97(1) tar-Regolament Nru 1306/2013 li ssostitwixxa l-Artikolu 23(1) tar-Regolament Nru 73/2009 (Taqsima 1). Fit-tieni lok, huwa biss l-użu tas-*sena li fiha seħħ* in-nuqqas ta' osservanza bħala bażi ta' kalkolu li jista' jiżgura fil-każijiet kollha t-twettiq tal-għan tar-Regolament Nru 1306/2013 fil-qasam tal-osservanza tar-regoli ta' kundizzjonalità kif ukoll il-prinċipju ta' proporzjonalità (Taqsima 2). Fit-tielet lok, fil-fehma tiegħi, mill-ġenesi tar-Regolament Nru 1306/2013 ma jistax jiġi dedott li l-leġiżlatur *ried* ibiddel ir-regoli preċedenti fuq dan il-punt; pjuttost il-kuntrarju (Taqsima 3).

1. Il-formulazzjoni tal-Artikolu 97(1) u tal-Artikolu 99(1) tar-Regolament Nru 1306/2013 kif ukoll il-kuntest li fih qegħdin dawn id-dispożizzjonijiet b'paragun mar-regolament preċedenti

61. Qabelxejn, ninnota li skont il-formulazzjoni tagħhom, kemm l-Artikolu 97(1) kif ukoll l-Artikolu 99(1) tar-Regolament Nru 1306/2013 jistgħu, fil-prinċipju, jinftiehmu bħala li jirrigwardaw il-kalkolu tat-tnaqqis u jitqiesu, għaldaqstant, bħala li jissostitwixxu l-Artikolu 23(1) tar-Regolament Nru 73/2009. Fil-fatt, ebda wieħed minnhom ma jsemmi espliċitament is-sena li abbażi tagħha jeħtieġ li jiġi kkalkolat it-tnaqqis. Min-naħa l-oħra, it-tnejn li huma jużaw frażi b'tifsira wiesgħa, it-tnaqqis għandu "*japplika*", ħaġa li tista' tfisser "*ikkalkolat*" imma wkoll "*imputat*" [33].

62. Dan premess, nikkonstata madankollu li mit-tabella ta' korrelazzjoni li tinsab fl-Anness XI tar-Regolament Nru 1307/2013 jirriżulta li huwa l-Artikolu 97 ta' dar-Regolament Nru 1306/2013 li ssostitwixxa l-Artikolu 23 tar-Regolament Nru 73/2009 [34].

63. Infakkar li r-regoli fil-qasam tal-kundizzjonalità previsti mir-Regolament Nru 73/2009 ġew formalment imħassra permezz tar-Regolament Nru 1307/2013, filwaqt li ġew issostitwiti permezz tad-dispożizzjonijiet previsti fir-Regolament Nru 1306/2013 [35]. Ir-Regolamenti Nru 1306/2013 u 1307/2013, li t-tnejn li huma jifformaw parti mir-riforma tal-PAK, huma għaldaqstant marbutin mill-qrib [36]. Huwa f'dan il-kuntest li t-tabella li tindika l-korrelazzjoni bejn id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1306/2013 u d-dispożizzjonijiet imħassra tar-Regolament Nru 73/2009 ġiet annessa mar-Regolament Nru 1307/2013 [37].

32 Il-Parlament u l-Kunsill huma wkoll tal-fehma li l-kalkolu tat-tnaqqis għandu jkun ibbażat fuq il-pagamenti mogħtija għas-sena li fiha seħħ in-nuqqas ta' osservanza. Madankollu, huma ma ppreċiżawx fuq liema dispożizzjoni(jiet) huma qegħdin jibbażaw ruħhom f'dan ir-rigward.

33 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Teglgaard, punti 44 u 45, u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston fil-kawża Teglgaard u Fløjstrupgård (C-239/17, EU:C:2018:328, punt 76). Il-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra tal-Artikolu 97(1) u tal-Artikolu 99(1) tar-Regolament Nru 1306/2013 jużaw terminu daqstant wiesa' bħal "appliquer": "imposed" u "applied" bil-lingwa Ingliża, "opgelegd" bil-lingwa Olandiża, u "pålægges" u "anvendes" bil-lingwa Daniża.

34 F'dan ir-rigward, jirriżulta mill-Artikolu 72(2) tar-Regolament Nru 1307/2013, intitolat "Tħassir" li r-riferimenti għar-Regolament Nru 73/2009 jinftiehmu bħala li saru għar-Regolament Nru 1306/2013 u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni li tinsab fl-Anness XI tar-Regolament Nru 1307/2013.

35 Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 15 ta' dawn il-konklużjonijiet.

36 B'mod partikolari, ir-Regolament Nru 1306/2013 u d-dispożizzjonijiet adottati skontu japplikaw għall-miżuri previsti mir-Regolament Nru 1307/2013 (ara l-premessa 4 ta' dan ir-regolament tal-aħħar).

37 Ara l-Anness XI tar-Regolament Nru 1307/2013.

64. Skont din it-tabella, jiena nitlaq mill-prinċipju li huwa l-Artikolu 97(1) tar-Regolament Nru 1306/2013 li jiddetermina s-sena li abbażi tagħha jeħtieġ li jiġi kkalkolat it-tnaqqis tal-pagament, ħaġa li twassalni sabiex nagħmel il-mistoqsija li ġejja: x'inhu għaldaqstant l-għan tal-Artikolu 99(1) tar-Regolament Nru 1306/2013?

65. Bħall-Gvern Daniż, il-Kunsill u l-Parlament, jidhirli li din id-dispożizzjoni tikkonċerna l-*imputazzjoni* tat-tnaqqis.

66. Fil-fatt, għal dik li hija formulazzjoni, nikkonstata, l-ewwel nett, xebh kbir bejn din id-dispożizzjoni u d-dispożizzjoni preċedenti li kienet tirrigwarda l-*imputazzjoni* tat-tnaqqis, jiġifieri l-Artikolu 70(8)(a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 1122/2009. Għaldaqstant, jidhirli li din l-aħħar dispożizzjoni ġiet introdotta mil-leġiżlatur fir-Regolament Bażiku Nru 1306/2013 fil-forma tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 99(1).

67. Imbagħad, din l-interpretazzjoni hija kkorroborata mit-tabella ta' korrelazzjoni msemmija iktar 'il fuq. Fil-fatt, jirriżulta minn din it-tabella li l-Artikolu 99 tar-Regolament Nru 1306/2013 jikkorrispondi għall-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 73/2009 l-antik. Nikkonstata f'dan ir-rigward li dan l-aħħar artikolu fih paragrafi simili għat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 99(1) u għall-Artikolu 99(2) sa (4) tar-Regolament Nru 1306/2013. Madankollu ma fihx dispożizzjoni ekwivalenti għall-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 99(1) tar-Regolament Nru 1306/2013, ħaġa li ssaħħaħ l-idea li din id-dispożizzjoni tikkorrispondi għall-Artikolu 70(8)(a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 1122/2009.

68. Fid-dawl tal-premess, jeħtieġ li jiġi miċħud l-argument imressaq mill-Gvern Ġermaniż u dak Olandiż kif ukoll mill-Kummissjoni dwar it-titolu tal-Artikolu 99, "Kalkolu tal-piena amministrattiva", li ma kienx jinstab fir-regolamenti preċedenti. Ċertament, dan it-titolu jista' jindika li l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 99(1) tar-Regolament Nru 1306/2013 jirrigwarda l-kalkolu tat-tnaqqis u li jirreferi, għaldaqstant, għas-sena li fuqha jeħtieġ li jiġi kkalkolat it-tnaqqis. Madankollu, jeħtieġ li jiġi kkonstatat, minn naħa, li l-argumenti esposti iktar 'il fuq ma jikkorroborawx din l-interpretazzjoni. Min-naħa l-oħra, kif sostna l-Kunsill, it-titolu tal-Artikolu 99 jista' jiġi spjegat bil-fatt li kważi l-Artikolu 99 kollu, jiġifieri t-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, kif ukoll il-paragrafi 2 sa 4 ta' dan l-artikolu, jirrigwarda fil-fatt il-kalkolu tat-tnaqqis, b'mod iktar partikolari l-elementi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni waqt il-kalkolu, bħalma huma l-gravità, il-portata, il-persistenza u r-repetizzjoni tan-nuqqas ta' osservanza kkonstatat.

2. Fuq l-għan tas-sistema tal-kundizzjonalità

69. Fis-sentenza Teglgaard, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-għan tar-Regolament Nru 1782/2003 fil-qasam tal-osservanza tar-regoli ta' kundizzjonalità kien li *torbot* il-pagament tal-għajnuniet diretti mal-osservanza tar-regoli fil-qasam tal-art agrikola, tal-produzzjoni u tal-biedja [38].

70. Huwa paċifiku li dan l-għan inżamm fir-Regolament Nru 1306/2013, kif tindika l-premessa 53 tiegħu. Għaldaqstant, din il-premessa tfakkar li r-regolamenti bażiċi antiki, ir-Regolament Nru 1782/2003 u r-Regolament Nru 73/2009, stabbilixxew il-prinċipju li skontu l-pagament sħiħ lill-benefiċjarji għandu jkun *marbut* mal-osservanza tar-regoli ta' ġestjoni tal-art agrikola, tal-produzzjoni agrikola u tal-biedja.

71. Fil-fehma tiegħi, u l-istess kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Teglgaard, jista' jiġi dedott minn dan l-għan li hija s-*sena li fiha jseħħ* in-nuqqas ta' osservanza, li jirreferi għaliha l-Artikolu 97(1) tar-Regolament Nru 1306/2013, li għandha tintuża bħala l-bażi għall-kalkolu tat-tnaqqis. Fil-fatt, hija biss din is-sena li hija kapaċi li tiżgura fil-każijiet kollha r-rabta bejn l-aġir

38 Ara s-sentenza Teglgaard, punti 40 sa 43, imsemmija fil-punti 47 u 48 ta' dawn il-konklużjonijiet.

tal-bidwi u s-sanzjoni [39]. Min-naħa l-oħra, it-teħid inkunsiderazzjoni tas-*sena tal-konstatazzjoni* sabiex jiġi kkalkolat it-tnaqqis ma jippermettix din ir-rabta li tiġi żgurata b'mod sistematiku. L-istess japplika għall-prinċipju ta' proporzjonalità [40]. Iktar minn hekk, l-użu tas-*sena li fiha jseħħ* in-nuqqas ta' osservanza jaqdi aħjar il-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' ugwaljanza fit-trattament [41].

72. Sabiex nispjega dan permezz ta' eżempju, jidhirli li dak użat mill-Avukat Ġenerali Sharpston fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Teglgaard huwa rilevanti [42]: l-ipoteżi ta' tliet bdiewa A, B u Ċ li għandhom irziezet identiċi u li kull wieħed minnhom għandu dritt għal għajnuna diretta ta' EUR 10 000 għas-sena 1. Huma jwettqu l-istess ksur tar-regoli ta' kundizzjonalità matul is-sena 1 imma l-ksur ma jinkixifx f'dik is-sena.

73. Matul is-sena 2, il-bidwi A jwaqqaf l-attività agrikola tiegħu u jittrasferixxiha lil bidwi ieħor. Il-bidwi B ikompli jaħdem l-istess proprjetà u jitlob l-istess somma (EUR 10 000) bħala għajnuna diretta. Il-bidwi Ċ iżid il-wiċċ tal-operat tiegħu u, konsegwentement, jitlob iktar għajnuna diretta.

74. Il-ksur jinkixef matul is-sena 3. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistabbilixxu debitament il-"konstatazzjonijiet" dwar in-nuqqas ta' osservanza tar-rekwiżiti u jadottaw deċiżjonijiet li jnaqqsu l-għajnuna diretta għal kull bidwi abbażi ta' 3 % kkalkolata fuq id-dritt ta' kull bidwi għall-għajnuna diretta għas-sena 3.

75. Konsegwentement, il-bidwi A (li ma talabx għajnuna diretta għas-sena 3, peress li waqqaf l-attività agrikola tiegħu) huwa suġġett għal tnaqqis tal-ammont tal-għajnuna ta' 3 % × 0. Għaldaqstant ma ġiet imposta lilu ebda sanzjoni. Il-bidwi B, li jkompli jaħdem l-istess wiċċ bħas-sena 1, u għandu dritt għal EUR 10 000 ta' għajnuna diretta għas-sena 3, jiġi impost fuqu tnaqqis fuq l-ammont tal-għajnuna diretta tiegħu ta' 3 % × EUR 10 000, jiġifieri EUR 300. Is-sanzjoni li ġiet imposta fuqu hija l-istess bħal dik li kienet tiġi imposta fuqu kieku s-sena li fiha seħħ il-ksur ittieħdet bħala bażi għall-kalkolu tat-tnaqqis tal-għajnuna ta' 3 %. Il-bidwi Ċ estenda sostanzjalment l-operat tiegħu u għandu dritt għal EUR 100 000 bħala għajnuna diretta għas-sena 3. Konsegwentement, is-sanzjoni tiegħu għan-nuqqas ta' osservanza tal-obbligi tiegħu matul is-sena 1 hija t-tnaqqis ta' EUR 3 000, applikat għall-ammont ta' għajnuna diretta li għandha tingħata għas-sena 3.

76. Wieħed josserva li r-riżultat tal-applikazzjoni tal-metodu bbażat fuq is-*sena tal-konstatazzjoni* jwassal għal sanzjonijiet differenti ħafna għat-tliet bdiewa A, B u Ċ (ta' EUR 0, EUR 300 u EUR 3 000 rispettivament) għal eżattament l-istess ksur tar-regoli ta' kundizzjonalità matul is-sena 1. Issa, tali riżultat ma huwiex kompatibbli la mal-għan tar-Regolament Nru 1306/2013, u lanqas mal-prinċipju ta' proporzjonalità [43].

77. Fid-dawl tal-premess, jeħtieġ, min-naħa, li jiġi miċħud l-argument imressaq mill-Kummissjoni dwar l-għan tar-Regolament Nru 1306/2013. Ċertament, huwa minnu li s-sanzjonijiet amministrattivi fil-forma ta' tnaqqis ta' pagamenti għandhom ikunu dissważivi u effettivi, ħaġa li toħroġ mill-premessa 57 tar-Regolament Nru 1306/2013. Dan l-għan ġenerali ma jistax madankollu, fid-dawl ta' dak li għadni kif spjegajt, jiġġustifika l-użu tas-sena tal-konstatazzjoni għall-kalkolu tat-tnaqqis. Fir-rigward, min-naħa, tal-argument imressaq mill-Gvern Olandiż, Ġermaniż u dak Svediż dwar il-fatt

39 Sentenza Teglgaard, punti 40 sa 43.

40 Ara s-sentenza Teglgaard, punti 49 sa 51.

41 Ara s-sentenza Teglgaard, punti 48, 52 u 53.

42 C-239/17, EU:C:2018:328, punti 90 sa 94.

43 Ara s-sentenza Teglgaard punti 43 u 49 sa 51.

li jkun iktar diffiċli fil-prattika li tintuża s-sena li fiha *jseħħ* in-nuqqas ta' osservanza bħala l-bażi ta' kalkolu iktar milli s-sena tal-*konstatazzjoni*, għandu jiġi konkluż, anki jekk wieħed jippreżupponi li dan l-argument huwa korrett, li tali diffikultajiet ta' natura amministrattiva jew prattika ma jistgħux jiġu invokati insostenn ta' interpretazzjoni li tmur kontra l-għan tad-dispożizzjonijiet ikkonċernati [44].

3. Dwar il-ġenesi tad-dispożizzjonijiet ikkonċernati

78. Peress li r-Regolament Nru 1306/2013 ġie adottat *qabel* ma kienet ngħatat is-sentenza Teglgaard, il-leġiżlatur ma kellux l-opportunità jindika espliċitament jekk huwa xtaqx iżomm jew ibiddel is-sena li fuqha għandu jiġi kkalkolat it-tnaqqis tal-pagamenti diretti previsti mil-leġiżlazzjoni l-antika, kif interpretata fis-sentenza Teglgaard. Dan premess, ebda element li jirrigwarda l-ġenesi tal-Artikolu 97(1) u tal-Artikolu 99(1) tar-Regolament Nru 1306/2013 ma jippermetti, fil-fehma tiegħi, li jiġi kkunsidrat li l-leġiżlatur ried ibiddel il-leġiżlazzjoni fuq dan il-punt.

79. Fil-fatt, għal dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, il-premessi tar-Regolament Nru 1306/2013, nikkonstata li dawn ma jirreferux għall-metodu ta' kalkolu tat-tnaqqis. Ma hemm xejn fil-premessi tar-Regolament Nru 1306/2013 li jippermetti għaldaqstant li jiġi kkunsidrat li l-leġiżlatur ried ibiddel ir-regoli preċedenti fuq dan il-punt. Għall-kuntrarju, l-istess bħall-Gvern Daniż u l-Parlament, jidhirli li l-premessa 57 tar-Regolament Nru 1306/2013 tidher li tindika li l-leġiżlatur *ma riedx* ibiddel il-leġiżlazzjonijiet preċedenti. Għaldaqstant, jirriżulta minn din il-premessa li tirrigwarda s-sistema ta' kundizzjonalità li r-Regolament Nru 1306/2013 huwa intiż li jara "[g]ħal raġunijiet ta' konsistenza […] li d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni jkunu *kkonsolidati* fi strument legali wieħed" [45], ħaġa li tagħti lil wieħed x'jifhem li l-leġiżlatur ma xtaqx ibiddel is-sistema ta' tnaqqis f'każ ta' nuqqas ta' osservanza tar-regoli ta' kundizzjonalità.

80. Għal dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, ix-xogħol preparatorju tar-Regolament Nru 1306/2013, nirrileva l-ewwel nett li, anki jekk dan ix-xogħol kien juri r-rieda tal-leġiżlatur li jbiddel il-metodu ta' kalkolu tat-tnaqqis, tali intenzjoni ma tkunx tista', fil-fehma tiegħi, tkun determinanti għall-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet ikkonċernati, inkwantu hija bl-ebda mod ma tinsab espressa fil-leġiżlazzjoni stess, jiġifieri la fid-dispożizzjonijiet, la fil-premessi tar-Regolament Nru 1306/2013, u lanqas fl-għan tar-regoli kkonċernati [46].

81. Dan premess, u fi kwalunkwe każ, ma jidhirlix, b'kuntrast mal-Kummissjoni, li mix-xogħol preparatorju tal-Artikolu 99 tar-Regolament Nru 1306/2013 jista' jiġi dedott li l-leġiżlatur ried jemenda l-metodu ta' kalkolu tat-tnaqqis. Infakkar li l-Kummissjoni ssostni li hija din id-dispożizzjoni, u mhux l-Artikolu 97(1) ta' dan ir-regolament, li tirregola s-sena li fuqha għandu jiġi kkalkolat it-tnaqqis tal-pagamenti diretti.

82. F'dan ir-rigward, ninnota li huwa ċertament minnu li l-Artikolu 99(1) tar-Regolament Nru 1306/2013 ġie emendat waqt il-proċess leġiżlattiv, peress li l-verżjoni inizjali ta' din id-dispożizzjoni fil-proposta tal-Kummissjoni kienet tagħmel riferiment għas-*sena li fiha jseħħ* in-nuqqas ta' osservanza [47], filwaqt li l-verżjoni finali ta' din id-dispożizzjoni tagħmel riferiment għas-

44 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Frar 1991, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-28/89, EU:C:1991:67, punt 18), u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston fil-kawża Teglgaard u Fløjstrupgård (C-239/17, EU:C:2018:328, punti 60, 82 u 83).

45 Enfasi miżjuda minni. Infakkar li, qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament Nru 1306/2013, id-dispożizzjonijiet fil-qasam tas-sanzjonijiet minħabba n-nuqqas ta' osservanza tar-regoli ta' kundizzjonalità kienu previsti fir-Regolament Nru 73/2009 dwar l-għajnuniet diretti lill-bdiewa. Waqt ir-riforma tal-PAK, ċerti dispożizzjonijiet komuni għal tipi ta' għajnuna differenti ġew integrati fir-Regolament Nru 1306/2013 dwar il-finanzjament tal-PAK, li għaldaqstant huwa regolament magħruf "orizzontali". Huwa f'dan il-kuntest li l-leġiżlatur integra r-regoli fil-qasam tal-kundizzjonalità fir-Regolament Nru 1306/2013.

46 Ara wkoll, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bobek fil-kawża BV (C-129/19, EU:C:2020:375, punti 118 sa 123), u fil-kawża Federatie Nederlandse Vakbeweging (C-815/18, EU:C:2020:319, punti 61 sa 63).

47 Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-finanzjament, l-immaniġġjar u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni (KUMM(2011)628 finali). L-Artikolu 99(1) tal-imsemmija proposta kien jirreferi b'mod iktar partikolari għas-"sena kalendarja konċernata jew [għ]as-snin konċernati". Kif ġie spjegat fil-punt 56 ta' dawn il-konklużjonijiet, dan ir-riferiment jikkorrispondi għas-sena li fiha seħħ in-nuqqas ta' osservanza.

sena tal-konstatazzjoni. B'kuntrast ma' dak li ssostni l-Kummissjoni, xejn fix-xogħol preparatorju ma jippermetti madankollu li jiġi konkluż li l-leġiżlatur, permezz ta' din il-modifika li ġiet introdotta waqt il-laqgħat trilogi fuq proposta tal-Kummissjoni [48], xtaq ibiddel is-sena rilevanti għall-*kalkolu* tat-tnaqqis meta mqabbla mal-leġiżlazzjoni l-antika.

83. Insostenn tal-pożizzjoni tagħha, il-Kummissjoni pprovdiet dokumenti *interni* li jippermettu li jiġi kkunsidrat li din kienet l-intenzjoni tagħha meta pproponiet din il-modifika: hija kienet tal-fehma li l-kalkolu tat-tnaqqis kien jaqa' taħt l-Artikolu 99(1) tar-Regolament Nru 1306/2013 u li ma għandhiex tintuża iktar is-*sena li fiha jseħħ* in-nuqqas ta' osservanza, iżda dik tal-*konstatazzjoni*, minħabba li kien wisq diffiċli li tiġi stabbilita s-sena li fiha seħħ in-nuqqas ta' osservanza tar-regoli ta' kundizzjonalità [49].

84. Madankollu, għandu jiġi kkonstatat mal-Parlament u mal-Kunsill li ebda element fix-xogħlijiet preparatorji (pubbliċi) tar-Regolament Nru 1306/2013 ma jippermetti li jiġi stabbilit li żewġ koleġiżlaturi kienu ġew informati b'din l-allegata motivazzjoni u li huma kienu qablu magħha billi aċċettaw il-modifika [50]. Minn dan isegwi li l-imsemmi dokument intern ma jistax iservi ta' sors ta' interpretazzjoni. Barra minn hekk, kif jirrilevaw il-Parlament u l-Kunsill, il-modifika proposta mill-Kummissjoni tista' ssib spjegazzjoni bir-rieda tagħha li tiżgura l-koerenza mal-kontenut tad-dispożizzjoni l-antika dwar l-imputazzjoni, jiġifieri l-Artikolu 70(8)(a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 1122/2009.

85. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nikkonkludi li l-leġiżlatur *ma riedx* ibiddel il-metodu ta' kalkolu tat-tnaqqis taħt ir-Regolament Nru 1306/2013.

4. Konklużjoni dwar l-interpretazzjoni tar-Regolament Nru 1306/2013

86. Jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet kollha esposti preċedentement li l-Artikolu 97(1) tar-Regolament Nru 1306/2013 għandu jiġi interpretat fis-sens li t-tnaqqis tal-pagamenti minħabba n-nuqqas ta' osservanza tar-regoli ta' kundizzjonalità għandu jkun *ikkalkolat* abbażi tal-pagamenti mogħtija jew li għandhom jingħataw għas-sena li fiha jkun *seħħ* dan in-nuqqas ta' osservanza, filwaqt li l-Artikolu 99(1) ta' dan ir-regolament għandu jkun interpretat fis-sens li t-tnaqqis tal-pagamenti diretti hekk ikkalkolati għandu jiġi *imputat* fuq il-pagamenti mogħtija jew li għandhom jingħataw għas-sena kalendarja li fiha jkun ġie *kkonstatat* l-imsemmi nuqqas ta' osservanza.

E. Fuq l-interpretazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 809/2014

87. Għal dak li jirrigwarda l-Artikolu 73(4)(a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 809/2014, nikkonstata li l-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni hija essenzjalment identika għal dik tal-Artikolu 99(1) tar-Regolament Nru 1306/2013. Bħala dispożizzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni, l-Artikolu 73(4)(a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 809/2014 għandu għaldaqstant jiġi interpretat skont l-Artikolu 99(1) tar-Regolament Nru 1306/2013. Minn dan isegwi li

48 It-tliet koleġiżlaturi kkonfermaw li l-modifika ġiet introdotta waqt il-laqgħat trilogi fuq proposta tal-Kummissjoni.

49 Jirriżulta minn dan id-dokument intern tal-Kummissjoni datat il-15 ta' Mejju 2013 dwar l-Artikolu 99(1) tal-Proposta għal regolament li "[t]he current text as regards the calculation of reductions refers to the occurrence of the non-compliance. This could be difficult to establish. Therefore, if possible, [paragraph 1 of Article 99] should be amended by introducing a reference to the year of the finding".

50 Sa fejn naf jiena, u kif sostnew il-Kunsill u l-Parlament, il-modifika tissemma biss f'żewġ dokumenti pubbliċi tal-Kunsill. Madankollu, ebda intenzjoni tal-leġiżlatur fir-rigward tal-introduzzjoni ta' modifika ma tista' tiġi dedotta. Fl-ewwel dokument, bir-referenza 10204/13 ADD1 u datat is-7 ta' Ġunju 2013, il-kumment dwar l-Artikolu 99(1) jindika: "Open – revised text in preparation. That text will provide that the reduction would be applied to claims lodged during the calendar year of the finding". Kif spjegajt fil-punt 61 ta' dawn il-konklużjonijiet, il-kelma "japplika" ("applied" bil-lingwa Ingliża) tista' tfisser kemm il-kalkolu kif ukoll l-imputazzjoni tat-tnaqqis. Fit-tieni dokument, bir-referenza 10204/13 REV u datat l-14 ta' Ġunju 2013, dan il-kumment ġie ssostitwit mill-formulazzjoni tal-Artikolu 99(1), kif kien ġie adottat, li wkoll ma tippermettix l-identifikazzjoni tal-motivazzjoni tal-leġiżlatur.

l-Artikolu 73(4)(a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 809/2014 għandu wkoll jiġi interpretat fis-sens li t-tnaqqis tal-pagamenti diretti għandu jiġi *imputat* fuq il-pagamenti rċevuti jew li għandhom jiġu rċevuti għas-sena kalendarja li fiha jkun ġie *kkonstatat* in-nuqqas ta' osservanza tar-regoli ta' kundizzjonalità [51].

V. Konklużjoni

88. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domanda magħmula mill-College van Beroep voor het bedrijfsleven (il-Qorti tal-Appell għall-Kwistjonijiet Amministrattivi fil-Qasam Ekonomiku, il-Pajjiżi l-Baxxi) kif ġej:

1) L-Artikolu 97(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-17 ta' Diċembru 2013, dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1200/2005 u (KE) Nru 485/2008, għandu jiġi interpretat fis-sens li t-tnaqqis tal-pagamenti diretti minħabba n-nuqqas ta' osservanza tar-regoli ta' kundizzjonalità għandu jkun ikkalkolat abbażi tal-pagamenti mogħtija jew li għandhom jingħataw fuq il-bażi tas-sena li fiha jkun seħħ dan in-nuqqas ta' osservanza.

2) L-Artikolu 99(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008, u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 73(4) u l-Artikolu 73(4)(a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 809/2014 tas-17 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, tal-miżuri tal-iżvilupp rurali u tal-kundizzjonalità, għandhom jiġu interpretati fis-sens li t-tnaqqis tal-pagamenti diretti hekk ikkalkolati għandu jiġi imputat fuq il-pagamenti rċevuti jew li għandhom jiġu rċevuti għas-sena kalendarja li fiha jkun ġie kkonstatat in-nuqqas ta' osservanza tar-regoli ta' kundizzjonalità.

51 Il-fatt li l-Kummissjoni, waqt l-adozzjoni tal-Artikolu 73(4)(a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 809/2014, kienet apparentement tal-fehma li l-Artikolu 99(1) tar-Regolament Nru 1306/2013 ma kienx jirrigwarda l-imputazzjoni iżda l-kalkolu tat-tnaqqis jispjega l-fatt li din id-dispożizzjoni sempliċement tirriproduċi l-kontenut tal-Artikolu 99(1) tar-Regolament Nru 1306/2013.